**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru, 2015

Rikors Guramentat numru : 241/12 AL

**A B**

**vs**

**C D u b'digriet tat-30 ta' April 2014 l-Avukat Dr Noel Bartolo u PL Davina Sullivan gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut C D, minn liema relazzjoni twieldet it-tifla M nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009);
2. Illi dina r-relazzjoni intemmet bejn il-partijiet *de quo*, u l-imsemmija tifla binthom qed titrabba esklussivament mill-attrici, filwaqt li l-konvenut jara lit-tifla minuri b'mod irregolari hafna u meta jfettillu;
3. Illi essenzjalment il-konenut m'hu jikkontibwixxi xejn

ghat-trobbija tal-imsemmija minorenni binthom fir-rigward tal-manteniment, edukazzjoni u sahha taghha;

4. Illi konsegwentement, l-attrici talbet illi titnieda l-procedura tal-medjazzjoni sabiex il-posizzjoni tal-partijiet tigi regulata skont il-ligi izda l-konvenut qatt ma deher ghas-seduti tal-medjazzjoni;
5. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata tressaq din l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012);
6. Illi l-attrici giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru elfejn u tnax (2012) (talba numru 233/2012);

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri M D tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici b'dana illi l-konvenut jkollu access ghal imsemmi bint minorenni M skont dawk il-modalitajiet illi dina il-Qorti jidhrilha xierqa;
2. Tordna illi l-beneficcju u/jew ghajnuna socjali li jkun pagabbli lill-minorenni imsemmija jigu percepiti mill-attrici;
3. Tiffissa retta alimentarja adegwata ghall-istess minorenni mehud in konsiderazzjoni l-htigijiet taghha fir-rigward tas-sahha u edukazzjoni taghha, liema retta ghandha tigi perjodikament riveduta skont il-mezzi tal-konvenut u revisibbli skont l-gholi tal-hajja u dana sakemm l-istess binthom M ssir maggjorenni, liema retta ghandha tkun dovuta mid-data tat-twelid ta' l-istess binthom M;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u PL Davina Sullivan, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati;

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolo u PL Davina Sullivan;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri M fejn min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li ghandha tigi fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri *stante* li l-intimat jara lil bintu b'mod irregolari mmens u meta jfettillu, b'dan li ma jikkontribwixxi xejn ghat-trobbija tal-istess minuri.

Il-Kuraturi Deputati in rapprezentanza tal-intimat assenti jiddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizevaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat.

**<u>Verzjoni tar-rikorrenti</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1], l-attrici tghid li kellha relazzjoni mal-intimat assenti u frott tar-relazzjoni taghhom li damet madwar tliet (3) xnin, nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2009 twieldet il-minuri M. L-intimat irrikonoxxa lill-istess minuri bhala bintu. Tiddikjara li r-relazzjoni taghhom intemmet madwar sentejn u nofs qabel ma sar l-imsemmi affidavit (u cioe' sentejn u nofs qabel April 2013) b'dan li l-minuri qed titrabba esklussivament minnha. L-intimat jaraha b'mod irregolari hafna u meta jfettillu, tant li fiz-zmien li sar l-istess affidavit (u cioe' April 2013) l-intimat kien ilu ma jara lil bintu minn Settembru 2012. Taghlaq billi tghid li l-intimat ma jikkontribwixxi xejn ghal bintu u ghat-trobbija taghha kwantu ghal manteniment, edukazzjoni u sahha.

Imbaghad permezz tax-xiehda taghha datata t-8 ta' April 2015[2], tghid li l-intimat kien sahaq maghha li t-tifla tkun fuq ismu biex ikun jista' joqghod Malta peress li ma kellux permess tax-xoghol u ma kellu xejn biex jibqa' hawn Malta. Terga' tikkonferma li qatt ma hallas manteniment jew ghal xi spejjez ta' sahha u edukazzjoni. Lanqas jiffirma ghall-iskola tal-istess minuri ma ried, ghaliex kien jghidilha 'I don't care'. Tiddikjara li f'dawn is-sentejn li ilu li telaq minn Malta qatt ma kkomunika maghha, b'dan li qabel telaq baghatilha messagg fejn infurmaha li 'I am leaving your country'. Huwa ghalhekk li qed taghmel il-kawza odjerna.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Permezz tax-xiehda tieghu Alan Ciangura[3] jghid li l-intimat kien isawwat lill-attrici ohtu, b'dan li wara l-ahhar xebgha li taha, kien mar ghalih b'arma u wehel sentejn habs sospizi ghal erba' snin fuq dan l-incident li sehh xi sentejn qabel tali xiehda (u cioe' madwar is-sena 2013). Kien wara dan l-istess incident li l-intimat sparixxa minn Malta. Jiddikjara li l-minuri ghandha sitt (6) snin u li missierha qatt ma ghadda xejn ghaliha u li l-istess intimat assenti ilu ma jara lil bintu ghal dawn l-ahhar tliet (3) snin.

---

[1] Esebit a fol 16 tal-process
[2] Ara a fol 46 tal-process
[3] Ara x-xhieda tieghu datata t-8 ta' April 2015 esebita a fol 46 tal-process

## Dwar il-Kura u l-Kustodja

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[4] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[5] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[6] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici datat id-19 ta' April 2013[7] u li permezz tieghu l-istess attrici talbet li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri M u d-digriet ta' din il-Qorti datat il-21 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu l-istess talba giet michuda. Izda jidher li minn dak iz-zmien lil hawn is-sitwazzjoni nbidlet, fis-sens li minkejja li l-minuri baqghet tghix mal-attrici, l-intimat issa abbanduna lil bintu ghal kollox. Il-Qorti thoss li m'hemm ebda raguni ghaliex l-attrici m'ghandhiex tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri kif wara kollox ilha taghmel *de facto* ghal diversi snin. Fil-mori tal-kawza ma giet prezentata ebda prova li turi li mhux fl-ahjar interessi tal-minuri li tibqa' tghix ma' ommha u konsegwentement il-Qorti ma tarax raguni ghaliex din it-talba m'ghandhiex tigi milqugha.

## Dwar il-manteniment

Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha *pendente lite* datat il-21 ta' Mejju 2013[8] u li permezz tieghu l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' mitejn Euro (€200) *oltre* nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri M.

---

[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[7] Ara a fol 18 tal-process
[8] Ara a fol 23 tal-process

Il-Qorti tara li, tenut kont tal-fatt li l-minuri ser tkompli tirrisjedi flimkien mar-rikorrenti ommha u tenut kont tal-fatt li l-intimat ma jghix hawn Malta, fic-cirkustanzi l-manteniment li ghandu jibda jivversa l-intimat ghal bintu ghandu jkun dak ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) kull erba' (4) ġimgħat, liema manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri. Il-Qorti taghmilha cara li tenut kont tal-fatt li l-intimat ma juri ebda interess lejn bintu u lanqas biss jghix hawn Malta, ma jkunx ghaqli li l-attrici tipprova tiġbor dak li huwa dovut kwantu ghall-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni permezz ta' ricevuti. Huwa aktar ekwu u gust u fuq kollox prattiku li l-manteniment stabbilit ikun jinkorpora fih l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri, anke ghal finijiet ta' ezegwibbilita' tal-istess.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri M D tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici filwaqt li kwantu ghall-access tal-minuri favur l-intimat, *stante* li l-istess intimat mhux jghix f'Malta u m'hemm ebda kuntatt, il-Qorti thoss li tali talba m'ghandhiex tigi milqugha;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li kwalunkwe beneficcju u/jew ghajnuna socjali li jkun pagabbli lil-minuri jigu percepiti esklussivament mill-attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat assenti jhallas is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghal bintu, liema ammont jinkludi wkoll l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri. Il-Qorti tordna li din ir-retta alimentari tigi riveduta perjodikament skont il-mezzi tal-konvenut u revisibbli skont l-gholi tal-hajja. Tordna wkoll lill-intimat sabiex ihallas tali ammont sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax (18) –il sena *di fermo* b'dan li f'kaz li l-istess minuri, meta taghlaq l-eta' ta' tmintax (18) –il sena u ma tkunx ghadha ghalqet l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u

tkun qieghda tistudja fuq bazi *full-time*, l-manteniment jibqa' dovut.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, b'dan li provvizorjament l-ispejjez u d-drittijiet tal-kuraturi deputati mahtura jigu sapportati mir-rikorrenti.